



Brussell, 25 ta' April 2025  
(OR. en)

7942/25

LIMITE

JEUN 48  
EDUC 107  
SOC 219

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar komunità ta' żgħażaġħ fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura - <i>Approvazzjoni</i>

---

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq f'għadd ta' laqgħat. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar it-test meħmuż.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma li hemm qbil dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar komunità ta' żgħażaġh fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI  
MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq il-valuri komuni<sup>1</sup> tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, li huma prinċipji fundamentali minqaxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri Ewropej huma universali u jservu ta' pedament għall-bini ta' soċjetà Ewropea komuni u sikura.
2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tafferma d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kollha, inkluż iż-żgħażaġh, tipprevedi qafas sod għad-dinjità, l-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni u l-protezzjoni. Dawn l-istrumenti jiggwidaw l-isforzi biex jinħoloq ambjent sikur u inklużiv għaż-żgħażaġh kollha fl-Ewropa, filwaqt li jrawmu l-iżvilupp u l-involviment tagħhom fis-soċjetà.<sup>2</sup>

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2012/C 326/02), ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407.

3. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi d-drittijiet taż-żgħażaġh li jaċċessaw l-  
edukazzjoni u t-taħriġ, l-opportunitajiet indaqs u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni,  
filwaqt li jappoġġa l-ħolqien ta' komunitajiet inklużivi u reżiljenti li fihom iż-żgħażaġh ikunu  
involuti b'mod attiv, u jkunu ekonomikament u soċjalment sikuri.<sup>3</sup> F'dan ir-rigward, il-  
konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri  
komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika<sup>4</sup> stiednu lill-Istati Membri jinkorporaw interess  
permanenti li tingħata attenzjoni għall-ugwaljanza u d-diversità fil-kuntest speċifiku tat-  
tagħlim tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika.
4. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027<sup>5</sup> inkludiet 11-il għan Ewropew dwar iż-  
żgħażaġh li jenfasizzaw ir-rwol ċentrali taż-żgħażaġh fil-bini ta' Ewropa komuni u sikura.  
Permezz tat-tliet pilastri ewlenin tagħha—Involviment, Konnessjoni, Għoti tas-Setgħa—  
tenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni sinifikattiva, it-trawwim ta' fehim reċiproku u t-  
tagħmir taż-żgħażaġh fl-Ewropa bil-kompetenzi u l-opportunitajiet meħtieġa biex  
jikkontribwixxu b'mod attiv għal soċjetà reżiljenti u inklużiva.<sup>6</sup> L-Istrateġija tal-UE għaż-  
Żgħażaġħ tipprevedi qafas għall-involviment attiv, l-awtonomija u l-inklużjoni taż-żgħażaġh,  
filwaqt li trawwem sens ta' responsabbiltà kondiviża lejn identità Ewropea komuni.

---

<sup>3</sup> Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Kapitolu I: Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-  
suq tax-xogħol, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta'  
Novembru 2017 (2017/C 428/09), ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10–15.

<sup>4</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri  
komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika, ĠU C, C/2023/1419, 1.12.2023, ELI:  
<http://data.europa.eu/eli/C/2023/1419/oj>.

<sup>5</sup> Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati  
Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għal kooperazzjoni tal-UE fil-qasam taż-  
żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456,  
18.12.2018, p. 1–22.

<sup>6</sup> L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019–2027.

5. L-involvement attiv taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew huwa essenzjali biex jitrawwem sens ta' sjienda u responsabbiltà għall-preżent u għall-futur tal-Unjoni Ewropea. Mekkaniżmi strutturati għall-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh, bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, jipprovdu pjattaforma għal parteciċipazzjoni sinifikattiva, li tippermetti liż-żgħażaġh jesprimu l-perspettivi tagħhom, ikollhom impatt fuq l-iżvilupp tal-politika u jikkontribwixxu għat-tiswir ta' Ewropa komuni u sikura.<sup>7</sup>
6. Iż-żgħażaġh, bħala aġenti tal-bidla u bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa, għandhom jingħataw is-setgħa u jkunu jistgħu minn età bikrija jifhmu l-prinċipji, il-valuri u l-funzjonament tal-UE, f'konformità mal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #1<sup>8</sup> u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-proċessi demokratiċi, is-soċjetà ċivili u l-inklużjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9<sup>9</sup>.
7. Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni affidabbli huma essenzjali għas-salvagwardja tal-proċessi demokratiċi u għall-protezzjoni taż-żgħażaġh mill-manipulazzjoni. It-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, u t-trawwim tal-litteriżmu diġitali u medjatiku kif ukoll ta' kultura ta' viġilanza fost iż-żgħażaġh jagħtuhom is-setgħa li jirrikonoxxu u jtaffu t-theddid diġitali, u b'hekk jiġi promoss ambjent diġitali sikur u reżiljenti.<sup>10</sup>

---

<sup>7</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa sostenibbli għaż-żgħażaġh (2023/C 185/06), ĠU C 185, 26.5.2023, p. 21–28.

<sup>8</sup> L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019–2027, l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ Nru 1, Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh.

<sup>9</sup> L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019–2027, l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ Nru 9, Spazju u Parteciċipazzjoni għal Kulħadd.

<sup>10</sup> Il-Pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea; Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027, COM(2020) 624 final, SWD(2020) 209 final; Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel, ĠU C 193, 9.6.2020, p. 23–28.

8. Hemm bżonn li tingħata prijorità f'kull livell lill-isfidi dejjem jikbru li qed jiffaċċaw iż-żgħażaġh rigward is-saħħa, inkluż dawk relatati mas-saħħa u l-benesseri mentali, aggravati mill-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19, u minn bidliet u pressjonijiet soċjetali oħra kemm offline kif ukoll online. L-appoġġ għar-reżiljenza mentali taż-żgħażaġh huwa essenzjali mhux biss għall-iżvilupp personali tagħhom, iżda wkoll għat-trawwim ta' soċjetà Ewropea sikura u inklużiva fejn jistgħu jirnexxu bħala parteċipanti attivi fil-proċessi demokratiċi u soċjali kif ukoll fil-ħajja professjonali tagħhom.<sup>11</sup>
9. Iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa jiffaċċaw sfidi marbuta mill-qrib mal-valuri Ewropej, inkluż tħassib dwar l-istat tad-dritt, it-tnaqqis tal-ispazji ċiviċi u t-theddid dejjem akbar għall-partiċipazzjoni demokratika. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet, flimkien ma' sfidi dinjija urġenti bħat-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni demografika, it-trasformazzjoni diġitali u dik ekoloġika, id-diżinformazzjoni, it-tensjonijiet politiċi internazzjonali u l-kunflitti armati jaggravaw l-inugwaljanzi u joħolqu ostakli li jipprevjenu lil xi żgħażaġh milli jinvolvu ruħhom fi proċessi soċjetali u demokratiċi, dawn iservu wkoll bħala katalizzatur għal oħrajn biex jippartiċipaw b'mod attiv f'dibattiti u azzjonijiet demokratiċi f'oqsma bħad-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa mentali, il-ġustizzja interġenerazzjonali, il-ġustizzja klimatika u t-tibdil fis-soċjetà.<sup>12</sup>
10. Diversi programmi u inizjattivi tal-UE, bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, il-Fond Soċjali Ewropew Plus inkluż, fejn applikabbli, l-inizjattiva "Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb" (ALMA), DiscoverEU, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 urew li kienu ta' suċċess, fejn rilevanti, fit-tiżni tal-partiċipazzjoni taż-żgħażaġh, fl-iżvilupp tal-kompetenza, fil-mobbiltà soċjali u fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej lil hinn mill-fruntieri.

---

<sup>11</sup> Kummissjoni Ewropea / EACEA / Wiki taż-Żgħażaġh, 2022. *The impact of the COVID-19 pandemic on the mental health of young people. Policy responses in European countries. Rapport tal-Wiki taż-Żgħażaġh*. Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; Ewrobarometru Flash 545 - Żgħażaġh u Demokrazija, Mejju 2024.

<sup>12</sup> Ewrobarometru Flash 545 - Żgħażaġħ u Demokrazija, Mejju 2024.

## FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

11. Il-bini ta' komunità b'saħħitha ta' żgħażaġh fl-Ewropa huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċaw iż-żgħażaġh, inkluż sentimenti ta' skonnessjoni u diżappunt fl-istituzzjonijiet tal-UE. Sfidi bħall-problemi tas-saħħa mentali, iż-żieda fl-inugwaljanza u l-perċezzjoni ta' inklużjoni anqas milli mistħoqqa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE biex xi żgħażaġh iħossu li ma għandhomx jafdaw l-istituzzjonijiet.<sup>13</sup>
12. Filwaqt li huwa inkoraġġanti li ż-żgħażaġh għad għandhom sens qawwi ta' identità Ewropea, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej qed tonqos, kif qed tonqos ukoll l-intenzjoni fost iż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej. Sabiex terġa' tinbena din il-fiduċja, għandha ssir enfasi akbar fuq politiki inklużivi, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-politiki jirrispondu għall-ħtiġijiet u t-tħassib speċifiċi taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni ċivika, il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, il-promozzjoni tal-valuri komuni u t-trawwim tal-involvement attiv taż-żgħażaġh fid-demokrazija u s-soċjetà ċivili, u l-iżgurar tal-aċċess għal sorsi affidabbli ta' informazzjoni.<sup>14</sup>
13. L-involvement taż-żgħażaġh fl-Ewropa fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet permezz ta' parteċipazzjoni sinifikattiva fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ser jiżgura li l-Ewropa tibqa' reġjun sikur u sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.
14. Is-settur taż-żgħażaġh jista' jaqdi rwol kruċjali f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi identifikata u pprevenuta r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh kontra l-valuri Ewropej, u biex tittieħed azzjoni dwarha.

---

<sup>13</sup> Ewrobarometru Flash 545 - Żgħażaġħ u Demokrazija, Mejju 2024.

<sup>14</sup> "Young Citizens' Views and Engagement in a Changing Europe", IEA International Civic and Citizenship Education Study 2022 European Report, Springer, 2022.

15. Id-djalogu mat-tfal u ż-żgħażaġħ permezz ta' mekkaniżmi parteċipattivi bħall-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, rispettivament, juri l-importanza li jinħolqu spazji inklużivi u sikuri fejn ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod sinifikanti fit-tfassil tal-preżent u tal-futur tal-Ewropa.<sup>15</sup> Fl-istess ħin, huwa daqstant importanti li jitqiesu l-opinjoniżiet taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika.

#### FILWAQT LI JQISU LI:

16. Id-dinja tal-lum qed tiffaċċa theddid ġdid u li qed jevolvi għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-kriżi ambjentali u klimatika dinjija, it-theddid għas-saħħa pubblika, il-kampanji ta' diżinformazzjoni, il-gwerra militari mhux ġustifikata ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitt li għaddej fil-Lvant Nofsani u kunflitti oħra madwar id-dinja. Dawn il-kriżijiet irriżultaw f'nuqqas ta' enerġija, inflazzjoni, instabbiltà ekonomika u soċjali, inugwaljanza u migrazzjoni tal-massa, filwaqt li xprunaw ukoll it-tfittxija għal soluzzjonijiet innovattivi biex jittaffew l-impatti tagħhom. L-isfidi introduċew kumplessitajiet addizzjonali iżda fl-istess ħin ħolqu opportunitajiet biex titrawwem l-innovazzjoni u jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjetali u ambjentali urġenti.
17. Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa li qed jaċċelleraw ġabu magħhom kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet. Filwaqt li jista' jkun li dawn il-fenomini qed jaggravaw l-inugwaljanzi u l-polarizzazzjoni tas-soċjetà u jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa, inkluż is-saħħa mentali, b'effett partikolari fuq iż-żgħażaġħ, huma xprunaw ukoll l-innovazzjoni, ħolqu opportunitajiet ġodda għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, u saħħew il-konnettività. L-indirizzar ta' dawn l-opportunitajiet u l-isfidi jeħtieġ sforzi sostnuti biex titrawwem l-inklużività, tiġi promossa l-ekwità interġenerazzjonali u jiġi sfruttat il-potenzjal taż-żgħażaġħ fl-Ewropa biex jikkontribwixxu għal Ewropa aktar sikura, aktar ekwa u aktar sostenibbli.<sup>16</sup>

<sup>15</sup> Lundy, L. (2007). *'Voice' is not enough: conceptualising Article 12 of the United Nations Convention on the Rights of the Child*. British Educational Research Journal, 33(6), 927-942. Il-Mudell Lundy, approvat fl-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea, jenfasizza erba' elementi—l-ispazju, il-leħen, l-udjenza u l-influenza—bħala essenzjali għall-parteeipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politiki u d-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-hom ħajjithom.

<sup>16</sup> Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea: l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI), 2022.

18. Il-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri hija meħtieġa biex jissaħħu u jiġu integrati l-perspettivi taż-żgħażaġh fil-politiki bl-għan li jiġi żgurat li dawn il-politiki jirrispondu għar-realtajiet differenti taż-żgħażaġh tal-Ewropa, inkluż daww b'inqas opportunitajiet u daww friskju ta' esklużjoni.
19. It-tiħiħ tal-attivitajiet eżistenti li jappoġġaw l-involvement attiv taż-żgħażaġh u jagħtuhom isetgħa u r-reżiljenza huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi multidimensjonali li jiffaċċaw iż-żgħażaġh fl-Ewropa llum. Dan jista' jinkludi l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kompetenzi personali u soċjali fl-ambjenti kollha u tul il-ħajja<sup>17</sup>, it-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi adattati għad-domandi tas-suq tax-xoġhol fil-futur u l-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet u n-nuqqas taġħhom, it-tagħlim mhux formali u informali, it-titjib tal-litteriżmu diġitali u medjatiku, l-iżvilupp ta' opportunitajiet inklużivi għall-parteciġpazzjoni ċivika u demokratika, fost l-oħrajn billi jingħataw opportunitajiet ta' ħidma fost iż-żgħażaġh u ta' volontarjat<sup>18</sup>, u l-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' appoġġ għas-saħħa mentali<sup>19</sup>. It-tiħiħ ta' dawn l-attivitajiet ser jgħin biex tinbena komunità Ewropea komuni, sikura u impenjata, fejn iż-żgħażaġh għandhom l-għodda biex jiżviluppaw il-potenzjal šiħ taġħhom u jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għal futur sostenibbli u koeżiv.

---

<sup>17</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal, ĠU C, C/2024/3528, 4.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3528/oj>.

<sup>18</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea, ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8–10.

<sup>19</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea, ĠU C, C/2023/1337, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1337/oj>.

20. Fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Lublin fit-2-5 ta' Marzu 2025, iż-żgħażaġh ipproponew ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. Iż-żgħażaġh saħqu fuq il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jittamaw aktar f'futur demokratiku u sikur billi tiżdied il-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha, u jiżdiedu wkoll ir-reżiljenza tagħhom u l-kontribut li jagħtu għall-konsolidazzjoni tal-paċi, biex jiġu evitati d-demotivazzjoni, id-diżimpenn u l-aljenazzjoni mill-politika. Dan jista' jinkiseb billi:
  - a) Tiġi ddikjarata sena Ewropea tar-reżiljenza u jiżdied il-finanzjament tal-UE fit-tul u faċilment aċċessibbli għall-proġetti tar-reżiljenza taż-żgħażaġh u għat-tħejjija għall-kriżijiet;
  - b) Jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' miżuri bħal inizjattivi ta' Ċittadinanza Ewropea mmexxija miż-żgħażaġh, Verifika taż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali u Ewropew u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ. Dawn għandhom jinkorporaw proċessi trasparenti li jsegwu l-implimentazzjoni tal-proposti politiċi, kif ukoll sħubijiet ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar il-komunikazzjoni u l-ħidma biex tintlaħaq firxa varjata ta' żgħażaġh u jagħmluha aktar possibbli għall-mexxejja żgħażaġh li jnaqqsu d-distakk bejn iż-żgħażaġh u dawk li jfasslu l-politika tal-UE;
  - c) Jiġu mħeġġa kandidati żgħażaġh fl-elezzjonijiet permezz ta' miżuri bħal kwoti, traineeships politiċi, tnaqqis fl-età tal-eliġibbiltà, u li ż-żgħażaġh jingħataw ċans reali li jiġu eletti;
  - d) Tiġi introdotta l-edukazzjoni ċivika bħala suġġett obligatorju fl-edukazzjoni formali, b'kurrikulu komprensiv, imwassal u maħluq f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dan għandu jrawwem ir-responsabbiltà ċivika, jippromovi l-valuri Ewropej, is-soċjetà ċivili, il-ħsieb kritiku, il-parteċipazzjoni demokratika, u r-rwol tal-istituzzjonijiet demokratiċi.

2. Id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni jheddu l-valuri demokratiċi, inaqqsu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet u joħolqu l-polarizzazzjoni. Dan iwassal għal xettiċiżmu, diżimpenn, u problemi ta' saħħa mentali fost iż-żgħażaġħ kif ukoll nuqqas ta' kapaċità li jagħmlu għażliet infurmati. It-tiżiħ tar-reżiljenza taż-żgħażaġħ fl-ambjent diġitali u l-protezzjoni ulterjuri tal-valuri demokratiċi li l-UE hija bbażata fuqhom, jistgħu jinkisbu billi:
- a) jiffasslu, flimkien maż-żgħażaġħ, oqfsa ta' taġħlim diġitali (formali, mhux formali, informali) f'oqsma bħall-fehim tal-algoritmi, il-litteriżmu medjatiku, iċ-ċibersigurtà, il-verifika tal-fatti, l-impronti diġitali, il-ġestjoni tal-informazzjoni, il-ħsieb kritiku, il-media etika u l-użu tal-IA;
  - b) jiġu implimentati proċessi trasparenti ta' verifika u ta' rfiġ tar-responsabbiltà għall-media soċjali, bħat-tikkettar tal-kwalità tal-media biex tiġi mħeġġa mgħiba diġitali responsabbli;
  - c) jiġu appoġġati n-negozji anke dawk ġodda mmexxija miż-żgħażaġħ fil-qasam tal-media soċjali u l-IA.

#### GĦALDAQSTANT, JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI:

21. Isaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar iċ-ċittadinanza demokratika, il-litteriżmu diġitali u medjatiku, fejn applikabbli, permezz tat-taġħlim formali, mhux formali u informali li jgħammar liż-żgħażaġħ bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jeħtieġu biex jinvolvu ruħhom b'mod effettiv u responsabbli fis-soċjetà u biex jużaw teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda. Dawn l-inizjattivi għandhom iqisu l-ħtiġijiet differenti taż-żgħażaġħ, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u jipromwovu l-fehim tal-valuri u l-proċessi demokratiċi, il-parteċipazzjoni attiva fil-komunità ċivika u Ewropea u l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku, flimkien mal-litteriżmu diġitali u medjatiku kemm biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà kif ukoll biex jitrawmu komunitajiet inklużivi u reżiljenti.

22. Jenfasizzaw ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala mutur tal-valuri Ewropej, l-iżvilupp tal-kompetenzi u l-parteciġazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh fid-diversità tagħha tuża diversi metodi biex tikkontribwixxi għal soċjetà aktar koeżiva.
23. Ikomplu jipromwovu l-parteciġazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi, li tgħin biex tinħoloq demokrazija aktar inklużiva li tirrappreżenta l-ħtiġijiet differenti ta' niesha, billi ssaħħaħ il-parteciġazzjoni ċivika taż-żgħażaġh u tappoġġahom fil-parteciġazzjoni tagħhom fl-elezzjonijiet.
24. Jiżguraw li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess ugwali għal ambjenti sikuri u inklużivi li jħeġġu l-iżvilupp tal-ħiliet psikosoċjali tagħhom u l-parteciġazzjoni f'attivitajiet ta' bini ta' komunità. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu programmi ta' volontarjat, proġetti interġenerazzjonali, u inizjattivi lokali li jindirizzaw l-isfidi soċjali u ambjentali, li kollha kemm huma jikkontribwixxu għall-bini u t-tisħiħ ta' sens ta' appartenenza fil-komunitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej.
25. Jipromwovu d-djalogu u s-solidarjetà interkulturali u interġenerazzjonali u jiġġieldu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, razziżmu, antisemitiżmu u ksenofobija u tipi oħra ta' intolleranza<sup>20</sup>, pereżempju billi jimplementaw politiki pubbliċi rilevanti permezz ta' programmi ta' ħiliet, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' taġħlim, kemm informali kif ukoll mhux formali, li jirriflettu d-diversità tal-komunitajiet Ewropej u li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw u jtejbu din id-diversità.

---

<sup>20</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu (2020–2025), COM(2020) 565 final; Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM/2020/152 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52020DC0152>; Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM/2020/698 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0698>; u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija (2021-2030), COM/2021/615 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52021DC0615>.

26. Jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġħ u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni Ewropea u dawk demokratiċi, li jiżviluppaw il-kompetenzi personali u soċjali taż-żgħażaġħ sabiex ikunu jistgħu jaħdmu mal-komunitajiet u jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi tas-soċjetà.
27. Jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' ħsieb kritiku fiż-żgħażaġħ, u b'hekk jagħtuhom is-setgħa li janalizzaw l-informazzjoni, jivvalutaw is-suppożizzjonijiet, u jinnavigaw kwistjonijiet kumplessi tas-soċjetà b'mentalità kritika u indipendenti. Bit-trawwim ta' dawn il-ħiliet, iż-żgħażaġħ jistgħu jkunu mgħammra biex isiru ċittadini attivi u infurmati li jagħtu kontribut sinifikattiv għal bidla pożittiva fil-komunità tagħhom u lil hinn minnha.
28. Jappoġġaw il-valutazzjoni tal-politiki dwar iż-żgħażaġħ u l-programmi ta' ħidma fost iż-żgħażaġħ biex jiġi żgurat li dawn ikunu inklużivi u jħallu impatt u li jirriflettu l-ħtiġijiet diversi u li qed jinbidlu taż-żgħażaġħ madwar l-UE, inkluż iż-żgħażaġħ b'inqas opportunitajiet u dawk friskju ta' esklużjoni.
29. Iħeġġu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, l-istituzzjonijiet kulturali, u l-komunità usa' biex joħolqu sinerġiji li jħeġġu liż-żgħażaġħ jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja kulturali, soċjali, ċivika u sportiva. Billi jrawmu opportunitajiet ta' taġħlim bejn il-pari u jsaħħu l-fehim reċiproku, dawn l-isforzi jistgħu jappoġġaw il-bini tad-demokrazija, jippromwovu komunitajiet inklużivi u reżiljenti, u jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġħ biex isiru ċittadini attivi u involuti<sup>21</sup>.

---

<sup>21</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika, (C/2023/1419), ĠU C, 1.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1419/oj>

30. Jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet, fejn possibbli, offruti mill-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES) biex jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh u jibnu komunitajiet inklużivi u reżiljenti. Għodod bħall-iskambji taż-żgħażaġh u l-korsijiet ta' taħriġ ta' Erasmus+ jistgħu jippromwovu l-edukazzjoni ċivika u l-ħsieb kritiku, filwaqt li l-proġetti ta' volontarjat u l-attivitajiet ta' solidarjetà tal-KES jappoġġaw l-involviment taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà. Barra minn hekk, is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni u l-proġetti ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Erasmus+ jippermettu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet kulturali u sportivi biex jippromwovu l-valuri demokratiċi, id-djalogu interkulturali u l-parteċipazzjoni attiva.

#### GĦALDAQSTANT JISTIENDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, BIR-RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

31. Ikomplu jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi billi jiżguraw li jinstema' leħinhom u tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward fl-iżvilupp tal-politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE.
32. Jappoġġaw inizzjattivi, kemm fiżiċi kif ukoll online, ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, u l-iżvilupp ta' kompetenzi li jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'attivitajiet ta' bini tal-komunità u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Sforzi bħal dawn għandu jkollhom l-għan li jsaħħu l-fiduċja u l-għarfien kif ukoll ir-reżiljenza taż-żgħażaġh u l-impenn tagħhom li jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. Il-prijorità ta' dawn l-inizzjattivi għandha tkun li jilħqu gruppi sottorappreżentati ta' żgħażaġh, speċjalment żgħażaġh b'inqas opportunitajiet u dawk friskju ta' esklużjoni, permezz ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni mmirati u sħubijiet ma' organizzazzjonijiet fil-livell lokali.
33. Jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, speċjalment dawk li jappoġġaw il-valuri Ewropej u d-demokrazija, u fejn applikabbli l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, bil-ħidma tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tfassil ta' politiki li jħallu impatt fuq il-ħajja taż-żgħażaġh.
34. Jiżviluppaw b'mod konsistenti sistemi u ambjenti ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh, u d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni peress li l-informazzjoni taż-żgħażaġh taqdi rwol importanti biex tgħin liż-żgħażaġh isiru ċittadini Ewropej infurmati u involuti.

35. Isaħħu l-isforzi transsettorjali biex jippromwovu l-benesseri taż-żgħażaġh u jipprevjenu problemi ta' saħħa mentali, kif ukoll jippromwovu l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet u dawk friskju ta' esklużjoni u jaħdmu biex itejbu r-reżiljenza tagħhom u l-ħiliet psikosoċjali tagħhom, biex jiżguraw il-parteċipazzjoni futura tagħhom fil-qafas soċjetali tal-Ewropa u jtaffu l-iżvantaġġi soċjoekonomiċi.
36. Isaħħu l-isforzi biex jitrawwem ambjent online sikur u san għaż-żgħażaġh billi jiġu protetti mill-esponiment għal kontenut mhux xieraq, kontenut imfassal apposta biex joħloq dipendenza b'impatti negattivi fuq is-saħħa mentali u fiżika, u theddid online bħad-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, u l-fastidju, filwaqt li tissaħħaħ il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u jiġu promossi s-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-litteriżmu diġitali. Dan jgħin liż-żgħażaġh jirrikonoxxu u jtaffu t-theddid ċibernetiku, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' komunitajiet aktar sikuri u reżiljenti.
37. Jirrikonoxxu l-importanza tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki dwar is-sigurtà, il-migrazzjoni u l-koeżjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kultura, l-akkomodazzjoni, l-azzjoni klimatika u ambjentali u t-trasformazzjoni diġitali sabiex jissawwar futur sikur u komuni għall-Ewropa, u jiġu żviluppati, fejn rilevanti, strateġiji transsettorjali.
38. Irawmu l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u s-settur privat biex jinħolqu opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jindirizzaw sfidi urġenti, bħat-trasformazzjoni diġitali, it-tibdil fil-klima, u l-inklużjoni soċjali. Dawn l-opportunitajiet jistgħu jinkludu apprendistati, internships, programmi ta' intraprenditorija, u proġetti kollaborattivi.

39. Jiżguraw li leħen iż-żgħażaġh jiġi integrat b'mod attiv billi ż-żagħżagħ jiġu involuti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u billi jitfasslu b'mod konġunt inizjattivi li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku, is-sigurtà u l-innovazzjoni tal-Ewropa.
40. Jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra biex jiġi żgurat li l-politiki dwar iż-żgħażaġh jibqgħu rilevanti u jwieġbu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu taż-żgħażaġh tal-Ewropa.
41. Ikompli jiżviluppaw kooperazzjoni mill-qrib bejn iż-żgħażaġh mill-Istati Membri u ż-żgħażaġh minn madwar l-Ewropa, speċjalment minn pajjiżi kandidati tal-UE, kif ukoll minn pajjiżi mhux Ewropej, bl-użu tal-opportunitajiet disponibbli f'Erasmus+ u l-Korp Ewropej ta' Solidarjetà.
42. Ikompli jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti, bil-ħsieb li jissaħħaħ l-involviment ċiviku taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tagħhom, filwaqt li tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal appoġġ kontinwu għas-Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa.
43. Isaħħu inizjattivi biex iż-żgħażaġh jinteraġixxu mal-komunità Ewropea, jitrawwem fehim ta' ċittadinanza u l-valuri Ewropej, u tissaħħaħ ir-rabta tagħhom mal-komunità Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

**GĦALDAQSTANT, JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:**

44. Issaħħaħ u tkompli tappoġġa b'mod trasparenti, pereżempju permezz ta' programmi Ewropej, inizjattivi li jtejbu l-għarfien tal-UE u li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' komunità Ewropea kondiviża bbażata fuq valuri komuni, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

45. Tkompli tappoġġa l-programmi u l-inizjattivi tal-UE għaż-żgħażaġħ bħal Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, u tiżgura sinerġiji ma' inizjattivi politiċi oħra li jippromwovu l-iskambju ta' ideat, irawmu s-solidarjetà u jsaħħu l-identità Ewropea fost iż-żgħażaġħ u jiżguraw li s-suċċessuri tagħhom ikollhom komponent b'saħħtu ddedikat għat-tisħiħ tas-solidarjetà u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ.
46. Tiżgura sinerġiji bejn id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u mekkaniżmi parteċipattivi ġodda tal-UE, bħad-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ flimkien mal-Kummissarji, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ tal-UE u l-Bord Konsultattiv għaż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex jikkomplementaw lil xulxin u jilħqu l-potenzjal tagħhom li jinvolvu liż-żgħażaġħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE.
47. Issaħħaħ l-inklużività u l-aċċessibilità tal-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 46 billi tirrifletti dwar oqsma għal titjib u tagħlimiet meħuda biex tinkiseb rappreżentanza aħjar ta' ilħna differenti, fosthom dawk taż-żgħażaġħ b'inqas opportunitajiet.
48. Tiżgura li leħen iż-żgħażaġħ jitqies fil-livelli kollha, bl-introduzzjoni tal-verifika taż-żgħażaġħ fil-livell Ewropew, valutazzjoni tal-impatt fuq iż-żgħażaġħ jew strumenti simili oħra għall-integrazzjoni taż-żgħażaġħ<sup>22</sup>.
49. Tqis dawn il-konklużjonijiet fit-tħejjija tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ wara l-2027, filwaqt li tiżgura li l-ambitu u l-objettivi jkunu riflessi f'oqfsa politiċi futuri. Dan jiżgura li l-istrateġija tkun allinjata mal-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ u ssaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-bini ta' Ewropa komuni u sikura.

---

<sup>22</sup> Kummissjoni Ewropea: Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, *Youth mainstreaming, youth impact assessment and youth checks – A comparative overview*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2797/038401>